**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Sanita`**

**Illum** 3 ta' Novembru**,** 2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Buttigieg, detentur tal-Karta ta` l-Identita numru 636656M, għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija Quality Catering & Retail Services Ltd.;**

**Malcolm George Miller, detentur tal-Karta ta` l-Identita numru 782654M, għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija Quality Catering & Retail Services Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati John Buttigieg u Malcolm George Miller ghan-nom ta' Quality Catering & Retail Services Ltd. u ċioè talli:

fl-1 ta' Settembru,, 2008 għall-ħabta tal-5:30pm u fil-ħin ta' qabel ġo Staff Restaurant, Mater Dei Hospital, B'Kara By-Pass, B'Kara, naqsu milli jħarsu l-ħtieġijiet tal-ikel billi biegħu, offrew għall-bejgħ jew kellhom fil-pussess tagħhom għall-bejgħ ikel għall-konsum mill-bniedem, li kien hekk ikkontaminat permezz ta' materja estrajna u li ma kienx raġonevoli li wieħed jistenna li jintuża għall-konsum mill-bniedem.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tagħti l-piena, tordna l-konfiska tal-oġġetti esebiti kif ukoll tordna r-rifuzzjoni tal-ispejjeż kollha inkorsi mill-Awtorità tas-Saħħa.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-1 ta' Settembru, 2008, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-11 ta' Frar, 2016.

Illi ghalkemm din hi kawza ta' natura sommarja, tenut kont tan-natura tal-kaz, partikolarment il-fatt li l-akkadut sehh gewwa l-Isptar Mater Dei, fejn konsiderazzjonijiet dwar sahha ghandhom ikunu accentwati, il-Qorti hi tal-fehma li l-motivazzjoni ghad-decizjoni taghha kif ukoll succint tal-provi mismugha, ghandhom jigu elenkati bid-dettal li jixraq il-kaz.

Illi dan hu kaz fejn infermiera fl-isptar Mater Dei waqt li kienet fl-Istaff Canteen, kienet sabet ras ta' dak li kien jidher li kien gurdien fost il-haxix li kienet ghada kemm giet servuta.

Mario Camilleri[1], Principal Health Inspector, xehed li wara telefonata fejn gie infurmat fuq l-akkadut kien ordna lil manager Josef Delicata sabiex il-platt jinzamm ghall-evidenza u jitwaqqaf t-tqassim tal-haxix. **Jghid li l-post kien *"quite clean"* u lanqas ma deher li hemm xi *pest infections*.** Ras, dak li jiddeskrivi li kien gurdien, kienet instabet mal-*string beans* tal-marka 'Garden Fresh', li kien ikun frizat. <u>Is-supplier, Anglu Scerri, kien iwassal il-haxix frizat direttament fil-kcina tal-Isptar</u>. Ix-xhud kompla li meta tkellem mal-imputat Buttigieg dan kien mill-bidu nett qallu li kellu suspett li xi hadd pogga ir-ras hemm sakemm ma gietx mal-haxix. <u>Jghid li ta' sikwiet kienu jsiru *inspections* u hu stess kien ikkonstata li kienu qed jinzammu *traceability documentation, temperature records, cleaning schedules* kif ukoll kien isir *pest control*, fejn kollox insab li kien kif suppost. Fir-*risk management inspection*, li saret f'Jannar 2008,[2] kien inghata Grade A[3], li hi l-ahjar grad, izda spezzjonijiet kienu jsiru darba fix-xahar.</u>

---

[1] Fol. 3 et seq.

[2] Dok. MCX, Fol.77-79

[3] Fol.6. Vide ukoll Dok. MCX, fol. 78-79, fejn jidher car li Risk factor taht l-11%, jikkwalifika ghal Grade A u definit bhala <u>"Very Good"</u> meta il-canteen kien gie gradat b' risk factor ta' 4.76%!

Ix-xhud spjega li l-post kien isirlu *pest treatment* darba fix-xahar jew kull hames gimghat, filwaqt li fl-ispezzjonijiet kienu jsiru *physical checks* wara li tigi ezaminata d-dokumentazzjoni. **Qatt ma kienu nstabu ebda tracci ta' rodents**. Izid li anke <u>is-*supplier* ikunu gie audited mill-ispettorat u anke ssirulu ispezzjonijiet</u> mill-ispettorat tar-regjun jew mill-Port Health, *"Someone else is auditing the suppliers hux"*. Ikompli *"Is-suppliers tieghek inti trid ticcekjahom ukoll. Ghandna kumpaniji li they go ahead and check their own supplier. They audit their own suppliers......You shouldn't take .....the word of someone else...you also need to check the products. After all you will be resposnible for the final consumer."* [4] Il-kcina kienet 'satellite kitchen' fejn l-ikliet jigu preparati u msajrin f'post iehor fis *Central Processing Unit*, f'Tal-Handaq. Fis-'satellite kitchen' kien issir affarijiet zghir bhal jitghalla l-haxix u l-ghagin u tissajjar ic-chips. <u>Kien hawnhekk li kien issir il-*plating*, bil-</u> laham kien jigi preparat minn post iehor.

Ix-xhud ma setghax jikkonferma li l-borza esebita bhala MC1[5] kienet l-istess borza li fiha kien hemm l-fazzola hadra li kienet fil-platt ma dak li ntqal kien ras il-gurdien. Jikkontendi li kien hemm nuqqas *"Fit-traceability of the products. Hafna mill-prodotti there is traceability... <u>Imma f'dan il-kaz no, I was not satisfied with the traceability as reagrds this product</u>...Issuggerejtilhom jew jiehdu l-Lot number...Jew inkella jittagjawhom. They make a coloured star ..so that they can tie the invoices with the colour coding to these bags. You will have full traceability. Fuq prodotti ohrajn kien hemm traceability."*[6]

Illi ghandu jigi sottolinejat b'emfazi dak li gie esebit mix-xhud Camilleri u cioe' id-dokument **<u>MC5.</u>**[7] Dan id-dokument ma jhalli lok ghall-ebda ekwivoku jew interpretazzjoni. Id-dokument hu evidenza tal-fatt importantissimu li l-prosekuzzjoni skartat ghal kollox, **li l-Mater Dei Staff Restaurant, Staff Canteen, kien registrat mal-Food Safety Commission ai termini tal-Att XIV tal-2002 (Att dwar is-Sigurta fl-Ikel), fuq R.J.C. Caterers Ltd.** Dan id-dokument jindika li l-persuna responsabbli ghal operat <u>"Nru.5. Name & Surname of person **responsible for the food business:"**</u> kien John Buttigieg fil-kapacita` tieghu ta' direttur ta' **R.J.C. Caterers Ltd.,** li fit-termini tal-applikazzjoni nfsiha hu l-persuna inkarigata mill-*handling* tal-ikel: "To Be Filled In By Those <u>Handling Food From The Wholesale Up To The Consumer</u>".[8] L-istess isem ta' **R.J.C. Caterers Ltd**. jirrizulta ukoll f'dokument li gie esebit minn Emanuel Micallef, EM1-EM4,

[4] Fol.13-14
[5] 18A
[6] Fol.16-17
[7] Fol.20
[8] Fol.20

a.fol.174, fejn **il-Foundation for Medical Services kienet approvat li ikun hemm *sub-contracting* mill-Quality Catering & Retail Services Ltd lil R.J.C. Caterers Ltd. , ghall-operat tal-Staff Canteen**.

Illi Brian Cassar, Medical photographer, ikkonferma li r-ritratti esebiti bhala MC2-MC3 ttiehdu minnhu.

Illi Muriel Buttigieg[9], infermiera, xehdet li kienet qed tiekol ma habibtha Diane [Borg], li kienet ordnat *beef strogonoff*, hekk kif indunat li kellha xi haga stramba fil-platt. Marru jkellmu l-manager li din ghall-ewwel hasbet li kien dudu tal-harir. Tikkonferma li l-platt esebit bhala MC kien il-platt ta Diane. Min-naha taghha l-infermiera Diane Borg[10] tat rendikont dwar kif meta niezlet tiekol il-Canteen bdiet tipprova tevita li tiekol il-fazzola hadra meta indunat li fil-platt kien hemm xi haga tixbah ras ta' gurdien. Tikkonferma li meta waslu l-pulizija fuq il-post il-platt kien baqa kif hallietu u li dan il-platt hu dak esebit bhala MC.

Illi Duncan Gauci xehed li kien ghamel spezzjonijiet fil-Canteen tal-Mater Dei minn Novembru 2007 sa Mejju 2008.[11] Paul Micallef ukoll kien ghamel spezzjonijiet fil-kcina ta' Mater Dei u mill-kampjuni li ttiehdu xehed li dawn **hargu normali**.[12] Riprodott Gauci kien irrimarka dwar nuqqas ta' *traceability* tal-ikel li jkun qed jigi preparat fil-Kcina ta' Mater Dei, u dan kien aktar importanti galadarba din kienet 'satellite kitchen' fejn wahda mill-kundizzjonijiet hi li ma jsirx ikel fiha *"Suppost hi kellha tkun satellite kitchen ghalhekk id-dokumentazzjoni kellha tkun hemmhekk. Ghax jekk inti qed tittrasporta l-ikel minn hemmhekk ghal isptar irid ikun hemm it-traceability. Issa jekk ma kienx hemm traceability kif jien stajt inkun naf?..Fejn sar?".*[13]

Illi Hadrian Bonello[14] xehed dwar spezzjonijiet li saru fuq is-Central Processing Unit (CPU) f'Tal-Handaq, li hu registrat mal-Food Safety Commission bin-numru FPR 5312. Jghid li *f'risk assessment* li sar f'April, 2008, kien inghata *grading* ta' Grade A ghalkemm filwaqt li kienet tinzamm id-dokumentazzjoni mehtiega ma kienx hemm full HACCP system (Hassle Analysis Critical Control Points).[15] Jidher li din giet implimentata sa Marzu 2009.[16]

---

[9] Fol.24 et seq.
[10] Fol.28 et seq.
[11] Fol.80-140
[12] Fol. 141-150
[13] Fol. 210
[14] Fol.151-159
[15] Fol.152
[16] Fol.234

Paul Micallef ukoll jikkonferma *"Jiena meta stqsejt ghal HACCP system dejjem urewni l-pre-requisites. Dejjem urewni...temperature records, press control records...kellhom cleaning schedules ukoll."*. Jispecifika li ma kien ebda dokumentazzjoni bhala parti mill-HACCP system tieghu fejn jiccekja l-prodotti li jkunu incoming ghal *foreign material*.[17]

Illi Health Inspector Omar Grech[18] ukoll xehed li kien ghamel spezzjonijiet fuq l-istess premises Tal-Handaq izda dan kien f'Novembru 2008, wara id-data mertu tal-akkuzi li jinsabu addebitati lill-imputati. Jghid li inspections li saru sa Marzu 2009 taw rizultati tajjeb tant li **nghata Grade A ghalkemm jikkonferma li HACCP system ma kienitx kompluta**.[19] Fil-fatt id-dokument **OM** jirrizulta li f'April 2008 inghata Grade A.[20] Dan kien wara inspection li saret f'Marzu meta kien inghata Grade C.[21]

Health Inspector Aaron Simpson da parti tieghu kien ghamel diversi spezzjonijiet fil-kcina ta' Mater Dei izda dawn sehhu wara it-22 t'Ottubru 2008,[22] wara l-ewwel vizita fil-kcina ta' Mater Dei u ghalhekk aktar minn xahar wara id-data mertu ta' dawn l-akkuzi (li jirreferu ghal-1 ta' Settembru 2008 ghall-habta tal-**5.30pm u l-hin** ta' qabel!). Simpson izda jikkonferma li ma kien hemm ebda process sabiex *foreign objects* jigu eliminati*: "iva kull tip ta' process li inti jkollok, ikollok HACCP. .....wara li inti ovvjament tiddentifika u tkun taf il-perikli li ghandhek fil-process tieghek tipprova tanalizza kif inti dawn ha teliminahom dawn ha tipprova teliminahom....wara li tkun taf ovvjament dawn il-perikli x'inhuma, tara sa fejn ha tittolerahom......jigifieri meta inti ha jkollok process dawn ovvjament ha tkun tafhom u ha tara kif inti ha teliminahom. Imbaghad l-aktar haga importanti f'dan kollu meta jkollok dawn it-tip ta' problemi inti tibda tiddokumenta..billi izzomm records ta' any documentation fis-sistema fosthom fejn naf jien temperature records, pest control records..Timmoniterja u r-record keeping ta' dan. Dawk huma prattikament il-HACCP."*[23] Fir-rigward tal-Isptar irid ikun hemm *"a full blown HACCP"*.[24] Simpson ikompli jispjega li il-Central Processing Unit tinsab f'Tal-Handaq peress ai termini tal-kuntratt *"ma jistax jaghmel certu preparation ta' ikel. Allura l-isfortuna hija li dan l-maggoranza tal-process li ghandu jaghmlu fis-CPU tieghu li huwa l-Handaq......Mater Dei ...igib the final preparation. Meta nghidu final*

[17] Fol. 215-216
[18] Fol.185-189
[19] Fol.186
[20] Fol.225
[21] Dok. XHB; Fol.227
[22] Fol.190
[23] Fol.219
[24] Fol.220

*preparation .....the main product li huwa jservi lil istaff canteen, lil-klijenti tal-isptar huwa jsahhan prattikament****....jiena honestly qatt ma rajt the full blown HACCP hemmhekk...rajt il-pre-requisites jigifieri kif semmejt qabel f'documentation***."[25]

Josef Delicata li hu l-Manager Contracts, fuq Mater Dei xehed li kien hu li ta struzzjonijiet sabiex il-platt ta' Diane Borg jinzamm mill-caterer u sab li fil-fatt dan kien gie ssiggillat. Ikkonferma li minn spezjonijiet li ghamel hu stess fil-kcejjen u fuq igene tal-istaff qatt ma sab xejn hazin.

Il-platt inkwistjoni gie ezaminat minn Micro-Biologist u cioe' minn Albert Gambin fejn fir-rapport tieghu , Dok. MC4 li *"The tissue seemed to be cooked but was not covered in sauce/gravy. This indicates that it is* ***unlikely that it was cooked with the meat****. Sample unfit for Human consumption."*[26] Gambin jixhed li r-ras ma nqatghetx b'surgical cut, *"ma kienitx a complete head....Kien hemm cut wahda u l-cut kollha kienet tidher illi giet exposed ghas-shana"* [emfazi tal-Qorti]. [27] Jghid li l-karrotti u l-*french green beans* kienu *"probably blanched or boiled"*)[28] **Dan jindika li l-oggett li nstab kien gie espost ghal mishun flimkien mal-haxix li nstab fih.**

Illi Emanuel Micallef esebixxa 4 files li kienu jikkonsistu f'zewg *binders* li kienu jikkontjenu d-dokumentazzjoni originali relatati mas-*Service Concession Contract* kif ukoll zewg binders ohra li kienu kopja.[29]

L-imputat John Buttigieg xehed dwar kif kien gie mgharraf bil-kaz. Spjega kif parti mill-ikel issir fis-CPU **f'Tal-Handaq** ,mill-kumpanija **Buttigieg Holdings Ltd,**[30] fejn is-sistema mhaddma hija fuq *chill system* fejn jissajjar hafna ikel imbaghad jigi frizat sa plus 5 degrees *(+5°)* u mehud Mater Dei, fejn jigi servut l-ghada. Fil-kcina ta' Mater Dei kien jitghalla l-haxix u ghagin. Ix-xhud irrimarka li l-ikel ma jigix plated fil-kcina, kif kien qal Mario Camilleri, izda jittellgha *f'warming cupboards* f'dixxijiet varji bi *trolleys* u jitpogga fid-display fejn jigi servut, u cioe' issir il-plating quddiem in-nies stess.[31] Ix-xhud jiddubita li fid-dish tal-haxix in kwistjoni kien hemm diga r-ras ghaliex jikkontendi li l-ikel ikun ghadda minn varji stadji u jigi servut b' kuccarun fejn b'hekk difficli wiehed jifhem kif hadd ma ntebah bir-ras qabel

---

[25] Ibid.
[26] Fol.19
[27] Fol.169
[28] Fol.19
[29] Fol.174
[30] Fol.238
[31] Fol.239

ma din wasslet fil-platt. Dwar dan izda hemm ix-xhieda ta' Gambin li jghid li r-ras kienet exposed ghas-shana, fejn it-*tissue* dehret msajjra.[32]

Jirribatti x-xhieda ta' Mario Camilleri li kien qal li ma kienx hemm *traceability* billi jishaq li kien ghadda il-boroz kollha li kien fihom il-haxix lill-ispetturi tas-sanita` dakinhar filghaxija stess. Izid li l-kcina tal-Isptar u s-CPU kienu classified bhala Grade A minkejja li l-kcina tal-Isptar kienet inghatat zmien biex timplimenta HACCP system sal-31 ta' Marzu 2008. Ix-xhud jikkontendi li kieku is-sistema ma kienitx mhaddma sad-data tal-akkadut, dawn kienu jigu mressqa il-Qorti fuq hekk. Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li tali kontenzjoni ma treggix. L-akkuzi jirrisalu ghal Settembru 2008 filwaqt li Aaron Simpson ghamel spezzjoni fit-22 t'Ottubru 2008 u kkonferma li ***jiena honestly qatt ma rajt the full blown HACCP hemmhekk***...*rajt il-pre-requisites jigifieri kif semmejt qabel f'documentation*..... **Pero` ma nistax bil-gurament nghid li dan huwa HACCP**"[33]

Osservazzjoni f'lokha li jaghmel ix-xhud hu li ma sarux analizi dwar jekk il-*foreign object* li nstab kienx gurdien jew xi speci ta' animal iehor bhal per ezempju fenek tal-indi jew *hamster* u iktar importanti minn hekk jekk setghax jigi kkonstat kienx origina minn Malta jew le. Ghalkemm *foreign object*, hi x'inhi l-origini geografika tieghu, jibqa' *foreign object u qatt ma kellu jsib ruhu fuq platt lest biex jitiekel*, dan kien ikun utli sabiex minn tal-inqas issir maghruf definittivament hekk kif il-provi jindikaw, jekk kienx fil-pakkett tal-haxix li jigi minn Dordrecht, l-Olanda (vide borza tal-prodott Legumes, 'Garden Fresh', Dok. MC1[34]). **Il-Qorti hi tal-fehma li hekk fil-fatt gara galadarba fil-kcina ma jsir ebda tqattieh ta' ikel** (ma giex *chopped up on site*), **ma kienx mal-laham** (u cioe' wasal hekk mis-CPU fejn kien jissajjar il-laham) **u kien gie espost ghal shana simili ghal-haxix li kien wasal *pre-packed u ffrizat* u li nstab mieghu.** Ma dan jizdied il-fatt importanti ghall-ahhar li l-ispetturi tas-sahha kienu konsistenti li kien hemm **nuqqas ta' *pest activity* -** fatt rafforzat bil-konkluzjoni mill-Comtec fir-rapport pprezentat bhala DOK. JB11 li jghid ***"...following my inspection no evidence of pest activity was noted."*** fuq spezzjoni li saret lejlet is-sejba tal-*foreign object* in kwistjoni.[35]

Buttigieg esebixxa numru ta' rizultati dwar kampjuni[36] li ttiehdu mis-CPU f'tal-Handaq in segwitu tal-obbligi kontrattwali taghhom, li kienu

[32] Fol.19, 169
[33] Fol.220-221
[34] Fol.18A
[35] Fol.282
[36] JB12-JB15, fol. 283-286

jintbghatu regolarment biex jigu ezaminati f'zewg laboratorji, liema rizultati kienu jinghataw lill-awtoritajiet ta' Mater Dei. Dawn juru li *'A satisfactory result was obtained.'* Esebixxa ukoll certifikazzjoni dwar igene fis-CPU.[37]

Dwar traceability Buttigieg jikkontradixxi dak li xehedu l-ispetturi tas-sahha Camilleri u Galea, u esebixxa invoice ta'Anglu Xerri Ltd., **JB18,**[38] fejn spjega li dan kien *"....dokument tad-delivery tal-haxix li sar fit-thirtieth (30) August, lejliet li gara dan il-kaz ....Ikun hemm timbru, jghid il-hin tad-delivery tieghu, t-temperatura jigifieri kollox kif suppost....Meta thares lejn il-[recte: ladle], JB19[39] ...timmagina bil-haxix fiha b'dan l-oggett maghha u ma deher xejn fiha .... hemm hekk hemm miktub ghad-delivery ta' meta giet il-kaxxa tal-haxix ...u ahna nzommu l-pakkett tal-frozen vegetables...u wrejnihom lis-Sur Camilleri dakinhar liema wzajna wkoll pakketti. Peress li l-kaxxi narmuhom x'hin tidhol allura nzommu l-pakketti biex inkunu certi li wzajna fl-istess gurnata."[40]* Fil-fatt dan id-dokument hu datat it-30 t'Awissu, 2008, u jidher li l-hin li gew ricevuti f'Mater Dei fit-8:10am. Il-firma hi ta certu Cioffi.[41] Aktar il-quddiem ikompli *".....Din tinfetah il-borza tal-haxix tintefa go dixx, jiccekjaw li kollox all right, tigi mitfugha fil-banju marija fejn jitghalla l-haxix,...imbaghad imur fuq board jinhadem inzommu l-boroz tal-gurnata biex niehdu dettalji minnhom liema boroz huma, minhabba li l-kaxxi jintremew meta jasslu fil-post mill-ewwel."[42]*Izid li hu kien inkariga konsulent privat, Joseph Tanti, dwar installar u *operating procedures* tal-kcina ta' Mater Dei kif ukoll dwar korsijiet lill-istaff. Tanti kien ukoll inkarigat jaghmel spezzjonijiet ta' rutina mensili fil-kcina kif ukoll fis-CPU. Buttigieg esebixxa ghad kbir ta' dokumenti sabiex jaghti rendikont tas-sistemi u tal-operat mhaddem fil-kcina/staff canteen f'Mater Dei.

In kontro-ezami jikkonferma li l-haxix jissajjar Mater Dei *u "mis-CPU ma jigi xejn lest, kollox isfel isir...meta jasal l-ikel plus five degrees (+5°) u gie fil-kcina mhux ha nservu lin-nies plus five degrees (+5°) irid jissahhan hux veru....jigi go containers tal-plastic, jitpogga go borom u mbaghad fil-kcina iva jitpogga go dawk it-trays, jitla fil-hot cupboard....l-ewwel jissahhan, jitpogga f'dak it-tray, jittiehd fil-hot cupboard, jitla fuq u jitpogga fid-display."[43]* Ghalhekk il-haxix jissahhan banju marija fil-kcina imma jigi plated quddiem il-klijent fir-restaurant.

[37] JB16-JB17, fol. 287-288
[38] Fol.289
[39] Fol. 289B
[40] Fol.249-250
[41] Fol.258
[42] Fol.252-253
[43] Fol.254-255

Xehed il-microbiologist Joseph Tanti u spjega li sal mill-2006 kien impjegat ma **R.J.C. Cateres Ltd.**[44] Xogholu kien li Papillon Caterers tibni CPU professjonali dedikata totalment ghall-produzzjoni ta' ikel bl-ghajnuna anke tad-dipartiment tas-sanita`. Sa dak iz-zmien pero` hadd ma kien ghadu haseb fil-kuntratt ghal Mater Dei:[45] *"Biex ghamilniha tailor-made apposta....xejn ma jikkorossja ma' l-iehor u kull ma ghidnielu ahna u kull ma qalulu tas-sanita`, jien nista` nghid li John ghamlu......ma John qatt ma kellhi problema.....Ghalhekk bqajt mieghu ghax kieku naqbad u ndabbar rasi. Jafuha l-policy tieghi....u shabi tas-sanita` jafu li meta nitlaq minn post jien it means open your eyes ghax la telaq Joe minn hemm, tfisser li hemm xi haga che non va. Qatt, jigifieri ghandi l-unur mghid li qatt ma thammigt ghal hadd u jekk John ma jaghmilx dak li nghidlu, jien, lili ma ssibnix fuq dan il-podium niddefendih."*[46] Ikompli li bhala l-persuna risponsabbli mill-igene ma jistax jezonera lilu nnifsu.[47] Jinsisti li d-due diligence kollha giet segwita bis-sistemi kollha rikjesti ikunu f'posthom *"I get bad dreams ghaliex instab dak li nstab. Ghax il-process tant huwa ddettaljat u tant in-nies huma trenjati fuq dawn l-affarijiet, illi it is almost impossible. Pero' imbaghad qed nitkellmu fuq haxix li jikber fl-ghelieqi..."*[48]

Tanti jaghti rendikont dwar dak li sehh kemm biex issir id-design tal-kcina f'Mater Dei, fejn hadem id f'id mad-dipartiment tas-sahha, kif ukoll dak li jigri fil-kcina meta qed jigi preparat l-ikel.[49] Jiddeskrivi l-mizuri ta' prekawzjoni li jiehu b'mod regolari *"Jiena l-hin kollu hemm. Gej u sejjer niehu samples...Ghax jiena parti mill-kuntratt li ghandi ma din il-kumpanija hija li jiena naghtihom parti mill-laboratorju...meta nahdmu b'din is-sistema, ahna ma jkollniex ghattx biex naghmlu hafna testijiet ghax ma jvarjax il-prezz. Mela jien fl-interess tieghi li ma jkunx hemm problemi."*[50] Minn tal-inqas darba fil-gimgha jittiehdu dak li jsejjah 'ghost samples' ta' gurnata u cioe' *"Kull ikla li tigi prodotta tittiehed zewg (2) samples minnha u jigu ssigillati, wahda ghalija u wahda tibqa hemmhekk for another fifteen (15) to twenty (20) days. Imbaghad jintremew....U jien niehu, mmur ghall-gharrieda gurnata minnhom u niehu l-kampjuni kollha tal-gurnata....jinzamm food sample."*[51] Dan jinzamm fi friza ghal 15-30 jum sabiex f'kaz ta' *food poisoning* jirreferu ghalih. Jittiehdu ukoll kampjuni sabiex issir ezami ghall-cross contamination u jekk hemmx indafa *"we take a very, very, very, large*

[44] Dok. JT; Fol.344
[45] Fol.302
[46] Fol.300
[47] Ibid
[48] Ibid
[49] Fol.303 et seq
[50] Fol.304
[51] Fol.305

*sample, jigifieri d-detection limits taghna huma kbar hafna...ahna niehdu 5 grammes tas-sample. Jekk ma ssibx f'5 grammes it is very good jigifieri"*[52] Ikompli li jigi accertat li l-staff jaghmel il-monitoragg mistenni minnu, filwaqt li r-regolamenti dwar *food handling* li tistipula li jsir tahrig kull 5 snin kienu jigu segwiti *"...tant ma nsib xejn li nisthi immur inkellimhom tant kemm ikunu zero il-counts, qaxxarnielhom idejhom, dawn il-hin kollu jahslu idejjhom, they are aware of the status taghhom"*[53] Jirrakonta kif it-training halla l-frott meta Mario Camilleri, health inspector, kien talab membru tal-istaff jurihom kaxxa tal-kartun li kien fiha il-haxix u dan dlonk rrimarka li kartun ma kienx permess mill-imputat Buttigieg li jiddahhal fil-kcina. Skond it-taghrif didatiku li kien ghadda lill-istaff a bazi ta' dik li hu sejjah traffic light system, li tmiss il-kartun kienet azzjoni ndikata 'red' u ghalhekk ma setghetx issir.[54] Dwar dan giet prezentata *flow chart* li kull impjegat kien gie mghallem fuqha -JT6- fejn fiha jirrizulta li l-haxix fil-boroz kien jigi *"boiled u <u>sifted</u>".* Fi kliemu *"You do your best. U jiena minn hawn hekk nerga niddikjara li this thing could happen again. Ghax inti taghmel l-ahjar li tista' but there is no way anybody can guarantee a hundred per cent safe food....".* Spjega kif l-staff jigu anke mharrga jiddentifikaw sinjali ta' pest activity.

Jghid li kienu jittiehdu diversi swabs ta' idejn, hitan, superficci tal-makkinarju etc. filwaqt li spetturi sanitarji ukoll jiehdu kampjuni li jintbghatu go laboratorju iehor biex ikollhom ezamijiet indipendenti.[55] Jispjega xi jsir bil-haxix li jigi minn barra semi-cooked: *"Ikun frozen..Industrial pack. U ahna l-proces huwa, li ahna flokk ma nghalluh go borma, nghalluh go chip pan bl-ilma, ghax ic-chip pan ghandha toqob kbar biex jekk ikun hemm xi bicca farka ta' xi gebla ecc waqt li qed jaghli, taqa' ghax gieli jaqghu bicciet tal-weraq ecc ecc. U mbaghad wara li jaghmel seven (7) minutes fl-ilma jaghli biex jiddifrostja u jsir l-ahhar ftit, imbaghad jintefa' go dixx kbir u jigi battered*[56]*...."* Dwar *traceability* Tanti jispjega li l-boroz [tal-haxix] ikun hemm id-delivery note u l-expiry date biex hekk jintlahaq l-iskop tat-traceability f'kaz ta' recall. Tenut kont li dawn huma continuous production f'kaz ta' recall l-agent ikun jaf ghand min marru. Fuq l-invoice ikun hemm il-batch number u l-expiry date. Fil-fatt jghid li kif sar jaf b'dak li gara kien cemepel lill-agent biex igiblu l-hin ta' qabel u l-hin ta' wara biex jaraw issibux il-kumpalment tal-oggett li nstab. Dawn il-boroz gew zvujtati u mferxa fuq mejda twila ta' ghoxrin pied u gew scanned bil-lenti. Gie kkuntatjat il-manufattur li eskluda li seta' jigir dan peress li l-haxix kien

52 Fol.306
53 Fol.307
54 Fol.308
55 Fol.315-317
56 Fol.321

jaghddi minn Xray machine u mid-detectors.[57] Ma nstabet ebda tracca ohra tal-animal li nstab.

In kontro-ezami jkompli jispejga f'aktar dettal il-proceduri li kienu jigu mhaddma, it-tahrig li jinghata u ghaliex fil-fehma tieghu kien hemm ir-rekwiziti kollha ta' HACCP system li wara kollox jsostni hi *code of practice*. Jghid li l-ebda ligi ma taghti definizjoni ta' x'inhi *'full-blown'* jew *'partial'* HACCP, hekk kif saret riferenza minn Simpson u minn spetturi tas-sahha ohra. Jinsisti li kienu mxew mal-7 principji tal-HACCP system kif ukoll jerga jidhol f'dettal kbir sabiex jispjega id-dokumentazzjoni (flow charts) li gew esebiti biex juri s-sistemi mhaddma mill-impjegati kemm tas-CPU kif ukoll fil-kcina ta' Mater Dei inkluz it-taghlim kontinwu u t-tahrig li jinghataw minnu. Ix-xhud rega xehed ghal darb'ohra meta ssokta l-kontro-ezami tieghu fejn kompla jispjega kif jopera l-laboratorju tieghu li kien ISO9000 certified.[58]

Ikompli jerga jfakkar li meta l-haxix jintefa' go ilma jghali dan ikun f'net li ghandha toqob wiesgha iktar minn pulzier biex jekk ikun hemm xi haga mal-haxix taqa'; il-fazola tkun twila, *"runner beans",* u billi din ma titqattax jew tigi mqatta *on site*, hi ma taqax. Jeskludi li seta' sar xi haga ulterjuri biex jigi evitat dak li gara. Issemmi ukoll li fuq il-post ikun hemm kontinwament supervisor fuq 6-7 minn nies. Interessanti ferm hu l-punt li jaghmel Tanti dwar dak li jistipulaw regolamenti Ewropej li essendo 'Regulations' huma applikabbli direttament ("directly applicable") ghal kull stat tal-Unjoni Ewropeja. Issir riferenza ghal dak li jipprovdi il-Preambolu (15) tal-***Corrigendum to Regulation (EC) No. 852/2004*** – Dok. JT12[59] - "The HACCP requirements sgould take account of the principles contained in the Codex Alimentarius. They should provide sufficient flexibility to be applicable in all situations, including in small businesses. In particular, it is necessary to recognise that, in certain food businesses, it is not possible to idenify critical control points and that, in some cases, good hygene practices, can replace the monitoring of critical control points...In addition, the requirement of retaining documents needs to be flexible in order to avoid undue burdens for very small businesses." Jinghad ukoll li l-Avviz Legali 264 tal-2002 irid bilfors jigi interpretat anke in konformita` ma dan ir-regolament li wara kollox gie promulgat wara id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali.[60]

Il-Qorti fliet id-dokumenti esebiti minn Emanuel Micallef u senjatament il-Volum I, '***Service Concession for the Provision of Catering and Retail Kiosk Services to Visitors and Staff at mater Dei Hospital, Contract Details***.'

---

[57] Fol.324
[58] Fol.2 u 3 tax-xhieda tieghu
[59] Dok.373 et seq
[60] Dhul fis-sehh ai termini tal-Artiklu 18 tal-istess Regolament hu 20 jum wara l-pubblikazzjoni. Pubblikazzjoni fl-Official Journal kienet fit-30 t'April 2004.

Illi fl-ewwel lok jinghad li dan hu kuntratt bejn zewg partijiet u zewg partijiet biss. Ghalhekk **jaghmel stat bejn dawk il-partijiet u hadd u xejn izjed**. Dawn huma is-socjeta` imputata u l-Foundation for Medical Services. L-obbligi u d-drittijiet naxxenti minn dan il-kuntratt ghaldaqstant ma jistawx joholqu stat u/jew jigu invokati minn terzi kif il-prosekuzzjoni tikkontendi fin-nota risponsiva prezentata fil-5 t'April, 2016. Dan ifisser li jekk xi parti dahlet ghal xi obbligi, dawn jorbtuha biss versu il-parti l-ohra.

Illi l-artikolu 21 tal-***Service Concession Contract,*** datat 12 t' Ottubru, 2007, jipprovdi li l-Concessionaire jista' biss jaghmel *sub-contracting* kemm il-darba ikun *"approved in writing by the Client".* Il-'Client' hi il-Foundation for Medical Services.

Illi fi skrittura li ggib l-istess data tat-12 t' Ottubru, 2007, u li ghalhekk jidher giet iffirmata 'back-to-back' mal-Service Concession Contract, hemm pattwit:
*"In accordance with Clause 21 of the General Conditions of the Service Concession Contract, the Client* ***approves the sub-contracting of the afore-mentioned Services to the Sub-Contractor(s),*** *without prejudice to the Concessionaire's obligations and liabilities and the Client's rights under the Service Concession Contract.....".* Kif gja intqal, il-"Concessionaire's obligations and liabilities" huma esklussivament dawk versu il-'Client', u cioe` il-'Contracting Party' l-iehor u ma jistghu qatt jigu interpretati li jinkludu xi obbligi estraneji ghal-dak il-kuntratt.

Illi fil-fatt Volum II jindika b'mod cjar li **is-socjeta` imputata hija biss l-'Concessionaire' u mhux il-licencee**; hija Consortium kompost minn zewg kumpaniji distinti u cioe' **R.J.C. Caterers Ltd**. u Miller Distributers Ltd. *(indikati bhala the "Sub-Contractors(s)").*[61] Dan anke hu manifest mid-dokumentazzjoni fil-Volum I fejn issir riferenza ghal ***"Joint venture Miller Distributers Limited and R.J.C. caterers Limited."***

Illi il-prosekuzzjoni kellha f'idejha din l-informazzjoni sa mill-bidu nett wara li Mario Camilleri esebixxa id-dokument **MC5** fil-18 ta' Settembru, 2008, pero` ghazlet tipprocedi fil-konfront tas-socjeta` li rebhet il-

[61] Fl-Introduction tat-Tender Bid jinghad: *"In view of the extent of this national initiative, two experienced organisations, namely R.J.C. caterers Limited and Miller Distributors Limited, have jpined forces so as to amke a feasible bisiness proposal in connection with the "Service Concession .... On the one hand R.J.C. caterers Limited specialised in the Catering and Food Industry brings twenty seven years of experince in the field....Similarly, Miller Distributors Limited, with over forty years experinece in the Retail and Distribution Industry, has been entrusted with very high-level reatiling tender awards...".*

Concession ("Concessionaire") u mhux fil-konfront tas-socjeta` li kienet qed tiggestixxi l-premises u registrata bhala tali ai termini tal-Att dwar is-Sigurta` fl-Ikel, Kap.449 tal-Ligijiet ta' Malta, (is-"Sub-Contractors"):

**11.** (1) Ebda persuna ma għandha taħdem f'negozju tal-ikel sakemm in-negozju u l-post li għandu jiġi użat għal dak il-għan ma jkunux ġew reġistrati ma' u, jekk ikun hekk meħtieġ taħt jew skont dan l-Att, liċenzjati mill-awtorità tas-saħħa.

(2) L-ebda post tal-ikel li jkun reġistrat għall-użu bħala, jew jekk ikun hekk meħtieġ taħt jew skont dan l-Att, liċenzjat għall-għan ta', xi negozju tal-ikel ma għandhom jintużaw mod ieħor ħlief għall-għan li għalih jkunu ġew reġistrati jew liċenzjati, u skont xi termini jew kondizzjonijiet ta' dik il-liċenza, u skont kullregolament li japplikja għalihom.

Dan id-dokument MC5 hu precizament id-dokument li l-qafas regolatorju tas-settur jaghmel riferenza specifika ghalih fir-regolament 4. Il-valur probatorju ta' dan id-dokument jitnissel mir-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni ta' Postijiet ta' l-Ikel (L.S. 449.28) li jipprovdu:
3. (1) Hadd ma jista' juza xi fond bhala post ta' l-ikel bil-ghan ta' negozju ta' l-ikel ghal tliet ijiem jew iktar, sew jekk konsekuttivi sew jekk le, f'perjodu ta' tliet gimghat konsekuttivi kemm-il darba dak il-post ma jkunx qabel gie registrat mal-Kummissjoni ghas-Sigurtà fl-Ikel.

(2) Ebda post ta' l-ikel m'ghandu jintuza **hlief b'konformità assoluta mal-kondizzjonijiet ta' dik ir-registrazzjoni jew ta' dik il-licenza li jistghu jigu imposti minn zmien ghal zmien mill-Kummissjoni ghas-Sigurtà fl-Ikel.**

4. (1) Ir-registrazzjoni ghandha ssir bil-miktub fuq il-formola adatta li tinkiseb minghand il-Kummissjoni ghas-Sigurtà fl-Ikel, u li tigi debitament mimlija u pprezentata fl-ufficcju msemmi.

Illi maghdud dan kollu jirrizulta minghajr ebda dubbju li l-Kcina ta' Mater Dei, ossia l-Staff Canteen, **gew registrati skond il-ligi mal-Kummissjoni ghas-Sigurtà fl-Ikel fuq l-isem R.J.C. Caterers Ltd.** u mhux Quality Catering & Retail Services Ltd., is-socjeta` imputata, li ghan-nom taghha gew akkuzati l-imputati. Jinghad ukoll li l-imputati ma gewx akkuzati ukoll fil-vesti personali taghhom izda unikament ghan-nom ta' kumpanija li ma kellha ebda sehem fit-tmexxija, gestjoni jew licenzjar tal-Kcina tal-Isptar Mater Dei.

Illi difficli jinftiehem kif tigi akkuzata socjeta` li sa mill-ewwel gurnata li sar il-*Service Concession Contract* kienet ghamlet Sub-Contracting Agreement mal-Contracting party fl-ewwel kuntratt (Foundation for Medical Services) u ghaddiet il-gestjoni tal-operat (tal-kcina u l-canteen ta' Mater Dei) lil socjeta` ohra li f'isimha kien registrat il-lokal ghall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurta` tal-Ikel. Ma ngiebet ebda prova li il-kcina kienet licenzjata f'isem **Quality Catering & Retail Services Ltd.** jew f'isem l-imputati personalment.

Dwar din il-konsiderazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et"** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:[62]

"Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-**korp.** Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali **tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat** u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni.[emfazi tal-Qorti]

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

"*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"

**Izda**:

"*....meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *— mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—****ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[63]"

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta` vikarja tal-imputati ghall-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, ma ngabet ebda prova li l-imputati, fil-vesti taghhom kif indikat fl-akkuza, jistghu

[62] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012
[63] Appell Inferjuri: **Il-Pulizija vs Patrick Vella** – deciza 31/08/2006

jinzammu responsabbli ghan-nuqqasijiet imputati lilhom. Anzi dan gie eskluz bil-provi migjuba mill-istess xhud ghall-prosekuzzjoni.

Illi jigi osservat ukoll li bir-ragunament tal-prosekuzjoni, bil-mod kif giet postulata l-akkuza u kemm il-darba d-difiza li ntuzat id-diligenza xierqa ma kellhiex tigi milqugha, min kellhu l-gestjoni tal-lokal registrat fuqu baqa' jgawdi minn impunita` totali.

Osservazzjoni ohra li din il-Qorti thossha fi dmir li taghmel dwar ir-reati imputat lill-akkuzati hu li dan ir-reat huwa ta' natura delittwali u mhux xi wiehed ta' *strict liability.* Issir riferenza ghas-sentenza ricentement pronunzjata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alban Josef Saliba**:[64]

Skont kif mistqarr minn dawn il-Qrati dan ir-reat huwa ta' natura delittwali u mhux kontravvenzjonali. Dawn il-Qrati ma kkunsidrawħx bħala reat ta' *strict liability* jew *technical offence*.[65] L-anqas ma huwa ritenut reat kontravvenzjonali fejn skont dak mistqarr mill-imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Mary Simiana*** tas-6 ta' Marzu 1954 l-element psikiku hu sodisfatt bis-sempliċi volontarjeta', bla ma jeħtieġ l-element doluż: imma hemm bzonn dejjem li l-imputat ikun ried il-fatt.

Illi għalhekk dan ir-reat irid ikun kompost kemm minn *actus reus* kif ukoll minn *mens rea*.[66]

F'dan il-kaz, sabiex din il-Qorti tkun tista' ssib htija fl-imputati il-Prosekuzzjoni kellha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati naqsu milli jharsu l-htiegijiet tal-ikel billi bieghu, offrew għall-bejgh jew kellhom fil-pussess tagħhom għall-bejgh ikel għall-konsum mill-bniedem, li kien hekk ikkontaminat, izda wkoll dan sar bil-ħsieb u l-intenzjoni. Irid ghalhekk jigi pruvat li **konxjentement u volontarjament** (i) naqsu li jharsu l-htiegijiet tal-ikel; u ghamlu dan billi (ii) **offrew** ghall-bejgh jew **kellhom fil-pussess** taghhom ghall-bejgh (iii) **ikel kkontaminat.**

Ghall-kuntrarju, l-evidenza wriet li mhux talli l-imputati kienu inkonsapevoli tal-*foreign object* li l-provi cirkostanzjali juru li dan sab ruhu f'pakkett ta' haxix provenjenti mill-Olanda, anzi, mill-atti processwali din il-Qorti ma jifdallha ebda dubbju li min kien effetivament u rejalment responsabbli mill-gestjoni, l-operat u t-tmexxija tal-Staff Kitchen/Canteen

---

[64] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Magistrat Dr. Aaaron M. Bugeja; 08.07.2016

[65] **Il-Pulizija vs Noel Grech**; Qorti tal-Appell Kriminali, Onor Imhallef Dr J. Galea Debono 24.09.2009: "Din hi dik li tissejjah *"a technical offence"* u ma hemmx ghalfejn jirrizulta xi movent, intenzjoni specifika jew generika konnessa mal-kaccja *per se* jew ma xi tentattiv ta' kacca. Is-semplici garr ta' munizzjoni fil-perijodu projbit ikun jammonta ghall-ksur tal-ligi. Il-fatt li l-iskratax ma kienux ta' perikolu ghal hadd, li ma kienux f'cintorin imma fil-kaxxa taghhom u li ma kienux f' ghata huma konsiderazzjonijiet ghal kollox irrilevanti.

[66]Vide Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Elton Saliba,** Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Audrey Demicoli, 16 t'Ottubru, 2015.

ta' Mater Dei, altru li ssodisfa sal-grad rikjest mill-ligi il-htiġiet tas-sub-artikolu (3) tal-Artiklu 41 tal-Kap.449 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-difiza tad-diligenza xierqa giet pruvata sodisfacentement u dan mhux biss sal-grad tal-probabli izda minghajr dubbju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda ssib lil John Buttigieg u Malcolm George Miller ghan-nom ta' Quality Catering & Retail Services Ltd. mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom stante li ma gewx soddisfacentement ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk qeghdha tilliberahom minn kull htija u piena.

Fl-ahhar nett il-Qorti tawtorizza r-rilaxx ta' kwalunkwe dokumentazzjoni originali esebita mir-rapprezentant tal-Foundation for Medical Services.[67]

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[67] Ai termini tal-Verbal a fol. 173. Fol.174 – Esebiti minn Emanuel Micallef Dok. EM1-EM4 fejn zewg binder files mmarkati FMS huma dawk kontenenti id-dokumentazzjoni originali.